MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 132/2007

**APS Bank Limited (C2192)**

**vs**

**Eric (I.D.533674M) u Rita (I.D.106978M) konjugi Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' APS Bank Limited datat 5 ta' Frar 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi l-intimati Eric u Rita konjugi Borg huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' sittin elf, sitt mija u hamsin Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm60,656.29 = €141,291.15) in kwantu s-somma ta' erbghin elf, mitejn u tlieta u disghin Lira Maltin u sittax–il centezmu (Lm40,293.16 = €93,857.82)

rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero sebgha tmienja (20000326078) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS1]; is-somma ta' sittax–il elf, sitt mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm16,677.73 = €38,848.66) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero tmienja disgha (20000326089) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS2]; flimkien mas-somma ta' tlett elef, sitt mija u hamsa u tmenin Lira Maltin u sittin centezmu (Lm3,685.60 = €8,585.14) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Overdraft for Regularisation Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta sebgha sitta sebgha wiehed tmienja (20000376718) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS3]; u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero sebgha tmienja (20000326078), tal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero tmienja disgha (20000326089), u tal-*'Overdraft for Regularisation Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta sebgha sitta sebgha wiehed tmienja (20000376718), mill-wiehed u tletin(31) ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv;

2. Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' rikorrenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi, inkluz bl-ittri legali datati dsatax (19) ta' Ottubru 2006 [kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok. APS4 u Dok. APS5 rispettivament] huma baqghu inadempjenti;

4. Illi s-socjeta' rikorrenti intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;

5. Illi r-rapprezentanta tas-socjeta' attrici taf b'dawn il-fatti personalment;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk is-socjeta' rikorrenti talbet li l-inimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti, bid-dispensat tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l- Artikolu 167 *et seq.*tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandiex:

1. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma komplessiva ta' sittin elf, sitt mija u hamsin Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm60,656.29= €141,291.15) kif fuq spjegat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero sebgha tmienja (20000326078), tal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero tmienja disgha (20000326089), u tal-*'Overdraft for Regularisation Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta sebgha sitta sebgha wiehed tmienja (20000376718) , mill-wiehed u tletin(31) ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk l-ittri legali datati dsatax (19) ta' Ottubru 2006 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax b'effett mill- wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda tas- socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat, b'dan li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dr. Michael Tanti Dougall b'verbal datat 11 ta' Gunju 2008 jaqbel ghan-nom tas-socjeta'

attrici li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta pruvata, u b'dan illi l-partijiet qablu li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-mertu *da parte* tal-konvenuti, taqta' u tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** b'dan illi:

1.Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma komplessiva ta' sittin elf, sitt mija u hamsin Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm60,656.29 = €141,291.15) kif fuq spjegat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero sebgha tmienja (20000326078), tal -*'Loan Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta tnejn sitta zero tmienja disgha (20000326089), u tal-*'Overdraft for Regularisation Account'* numru tnejn zero zero zero zero tlieta sebgha sitta sebgha wiehed tmienja (20000376718) , mill- wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2006 sad-data tal- pagament effettiv.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------